MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Numru. 661/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J.Farrugia)**

**vs**

**Jesmond (Gesu' Maria) Nappa Licari**

**Kumpilazzjoni Nru: 661/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jesmond (Gesu' Maria) Nappa Licari, ta' 47 sena, iben Anthony u Josephine nee' Grima, imwieled Valletta nhar l-11 ta' Frar, 1964 u residenti fil-fond numru 110, Flat 2, Triq San Guzepp, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 102764(M).

Akkuzati talli nhar it-22 ta Mejju, 2011, ghall-habta ta' 18:45hrs gewwa l-Istadium Nazzjonali li jinsab gewwa Ta' Qali limiti ta' Attard:

1. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna tal-ufficjal pubbliku l-Ispettur Robert Vella kif iccertifika Dr.T. Armatys. M.D (2788) ta' l-Isptar Mater Dei.
2. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.
3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hekk, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom.
5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod bla jedd indahlu fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu.
6. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied.
7. Talli xewwex gemgha ta' nies illi hekk imxewwxa, ingabru b'numru ta' ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat.
8. Talli pubblikament, ixewwex persuna ohra sabiex jaghmel reat, ghall-fatt biss li jkun hekk xewwixha.
9. Talli pubblikament, xewwex lil persuni ohra sabiex jikser il-ligi.
10. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod abbuziv.
11. U ghamel hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor ghad dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan fuq

uniformi tal-Pulizija liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax –il Euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) imma izjed minn tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29).

Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna illi l-imsemmija imputati ma jattendux fi "grounds ta' sports" ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-artikoli 68, 69, 70, 91, 95, 96, 221, 222, 338(dd)(ee), u 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 7 ta'l-Avviz Legali 88 tas-sena 1978.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda kommozzjoni li nqalghet f'l-istadium f'Ta' Qali waqt il-final ta'l-FA'Trophy bejn il-Belt u l-Furjana fit-22 ta' Mejju 2011. F'l-ahhar minuti tal-loghba skurjaw Floriana u uhud mis-supporters tal-Belt irreagixxew billi bdew ikissru s-seats u jitfawhom 'l isfel fil-ground u jitghajru mas-supporters tat-team tal-Floriana. L-Ispettur Robert Vella, li flimkien ma' pulizija ohra kien xoghol f'l-istadium, beda jipprova jikkalma s-sitwazzjoni. L-Ispettur jirrakkonta li hekk kif kien fil-parti t'isfel jipprova jikkalma n-nies, dahal l-imputat, qabdu minn spalltu u beda jigbidilu (spalltu); l-Ispettur beda jipprova jinqala minn mieghu imma l-imputat kompla jigbed u tant gibed li anke carratlu l-qmis; l-Ispettur ma rnexxielux jarresta lill-imputat. Ghandu jinghad li dak il-hin il-pulizija li kienu fil-vicinanzi ta'l-Ispettur Vella kienu huma ukoll qed jissubixxi aggressjonijiet u ghalhekk ma tantx setghu ikunu ta' ghajnuna. L-Ispettur ikompli jirrakkonta li ftit tal-hin wara l-imputat rega gie quddiemu u fetah idejh; l-Ispettur

irenxxielu  jaqbdu pero minhabba l-kommozzjoni li kienet ghada sejra l-imputat irnexxielu jahrab. L-Ispettur Vella jirrakkonta li f'l-ewwel taqbida l-imputat kien liebes bandana, fil-waqt li fit-tieni episodju l-imputat ma kellux il-bandana. Fost il-partitarji prezenti kien hemm min kien qed jghin lill-pulizija fiz-zamma ta'l-ordni u wiehed minn dawn il-persuni identifika lill-persuna li kienet aggrediet lill-Ispettur bhala "ta' Nappa".

Illi l-prosekuzzjoni ressqet il-pulizija l-ohra li kienu f'dik in-naha tal-ground biex jaghtu id-depozizzjoni taghhom. Naturalment mhux kollha raw l-istess affarijiet ghaliex kull wiehed minnhom kien impenjat jikkontrolla il-persuni immedjatament hdejh u huma ukoll kienu qed jissubixxu agressjoni, pero kull wiehed minnhom ra lill-imputat vicin ta'l-Ispettur Vella. In oltre PS1243 George Polidano ra lill-imputat jigbed lill-Ispettur minn idejh il-leminija u anke mill-qmis. PC942 Saviour Chircop ra lill-imputat ikellem lill-Ispettur b'mod aggressiv u anke jimbuttah.

Illi bhala parti mill-provi taghha l-prosekuzzjoni esebiet filmat mehud mir-rappurtagg fuq TVM u One News dwar dan l-incident. F'dak mehud mir-rappurtagg ta' TVM l-imputat jidher car qed javvicina lill-Ispettur Vella, pero l-filmat imbaghad kompla jiffoka fuq l-aggressjoni li kien qed issofri PS1243 George Polidano, ghalhekk dak li gara bejn l-imputat u l-Ispettur Vella ma giex jidher.

Illi dan il-fatt wahdu pero ma jfissirx li dak li rrakkonta l-Ispettur u x-xhieda l-ohra ma sehhx. Il-filmat huwa prova inkonfutabbli li fil-post u fil-hin ta'l-incident l-imputat kien vicin ta'l-Ispettur Vella. Dwar x'gara fil-mumenti li ma jidhrux fil-filmat hemm provi ohra u cioe d-depozizzjoni ta'l-Ispettur u tal-pulizija l-ohra.

Illi provi f'dan il-kaz ma tressqux biss mill-prosekuzzjoni imma anke mid-difiza; fil-fatt l-imputat xehed u taw d-depozizzjoni taghhom anke tlieta mill-persuni li kienu involuti fit-taqbida ma'l-ufficjali tal-pulizija l-ohra[1]. L-

[1] Fil-konfront ta' dawn il-persuni ttiehdu proceduri ukoll li gew definittivament konkluzi qabel ma taw id-depozizzjoni taghom fil-proceduri odjerni.

imputat mhux biss ta’ d-depozizzjoni tieghu imma anke rrilaxxja starrija; mill-ewwel stadji ta’ l-investigazzjoni f’dan il-kaz huwa nnega li aggredixxa lill-Ispettur Vella. F’l-istqarrija tieghu l-imputat qal li huwa kull m’ ghamel kien li ferraq is-supporters; qal ukoll li huwa kien qed jipprova jevita l-incidenti. Mistoqsi allura ghalfejn ma qabadx u telaq ‘l barra, l-imputat irrisponda li hu kien qieghed maghhom (in-nies li dehru fil-filmat) ghax kollha jafhom u ma ridx li jidhlu f’hassle. Mistoqsi min huma dawn in-nies hu ma ridx jghid x’jisimhom. Meta mbaghad ta d-depozizzjoni tieghu l-imputat qal affarijiet differenti; hu jghid li hu mar hemm biex “inehhi” it-tifla t’ohtu u li meta nehha t-tifla kien l-Ispettur li mar ghalih.

Illi taw d-depozizzjoni taghom ukoll tlett persuni involuti f’ incidenti mal-pulizija: Aldo Spiteri, Renald Briffa u Tonio Zampa. Aldo Spiteri jghid li hu ra lill-imputat jipprova jidhol f’l-enclosure u qallu li qed ifittiex it-tifla t’ohtu, Spiteri infurmah li hemm ma kienx hemm tfal u li ghalhekk l-imputat qabad u hareg; Spiteri jghid ukoll li l-imputat ma rah jiggieled ma hadd. Renald Spiteri qal li fit-tmiem il-partita qamet il-kommozzjoni u fost din il-kommozzjoni ra lill-imputat jipprotesta pero ma rah jaghmel xejn aktar minn hekk. Xehed ukoll Tonio Zampa li da parti tieghu qal biss li lill-imputat ma rahx fil-hin tal-kommozzjoni.

Illi huwa car li hemm kunflitt fil-provi fis-sens li l-verzjoni mghotija mill-Ispettur Vella u x-xhieda tal-prosekuzzjoni hija kontradetta mill-verzjoni ta’l-imputat u x-xhieda mressqa minnu. Ghandu jigi rilevat li anke l-imputat u t-tlett persuni imressqa minnu bhala xhieda jaghtu verzjonijiet li jikkontradicu lil xulxin.

Illi huwa ben stabbilit li l-kunflitt fil-provi m’ghandux necessarjament iwassal ghall-liberatorja ta’ l-imputat imma l-Qorti ghandha tevalwa ix-xhieda kontradittorja fid-dawl tal-provi kollha prodotti u tara jekk tistax temmen lil xi hadd u f’xiex.

Illi l-Qorti, li kellha l-opportunita tara u tisma lix-xhieda kollha jaghtu d-depozizzjoni taghhom, u li kellha ukoll l-

opportunita tikkompara verzjoni ma' ohra[2] anke fid-dawl ta' dak li jidher (ftit kemm hu ftit) fil-filmati esebieti m'ghandha l-ebda dubbju li l-verzjoni veritjiera hija dik mghotija mill-Ispettur Vella cioe li l-imputat agredixxa lill-imsemmi Spettur.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-imputat qed jigi addebietat b'diversi imputazzjonijiet.

Illi permezz ta'l-ewwel tlett imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat bir-reati ravvizati f'l-artikoli 221 u 222(1)(c), 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif diga ntqal mill-provi prodotti l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li kien l-imputat li gibed lill-Ispettur Vella minn spalltu u li kkawzalu l-griehi li jidhru dettaljati fic-certifikat mediku u fir-rapport ta' Dr Mario Scerri. La darba l-imputat uza vjolenza fizika biex wettaq offiza fuq il-persuna ta' l-Ispettur Vella, li huwa ufficjal pubbliku, fil-mument li l-imsemmi Spettur kien qed jaqdi d-doveri tieghu, u propju in konnessjoni mal-qadi ta' dawk mid-doveri l-Qorti hija sodisfatta li dawn l-ewwel tlett imputazzjonijiet gew pruvati fil-grad rikjest mill-Ligi.

Illi permezz tar-raba imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ravvizat f'l-artikolu 91 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

*Kull min bi vjolenza jew b'theddid iġiegħel uffiċjal pubbliku li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu, jeħel, meta jinsab ħati …*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien vjolenti fil-konfront ta'l-Ispettur Vella, ufficjal pubbliku, waqt li dan kien qed jaqdi d-dmirijiet tieghu; pero ma jirrizultax li l-imputat gieghel lill-imsemmi Spettur jaghmel, jew ma jaghmilx, xi haga fil-kors tal-qadi ta' dawk id-dmirijiet. Ghalhekk din ir-raba imputazzjoni ma tirrizultax.

---

Illi peremzz tal-hames u s-sitt imputazzjonijiet l-imputat qed jigi addebietat b'zewg kontravvenzjonijiet: permezz ta'l-ewwel wahda li m'obdiex ordnijiet legittimi tal-pulizija u permezz tat-tieni wahda li kiser il-kwiet u l-paci pubblika.

Illi mid-depozizzjoni ta'l-Ispettur Vella ma jirrizultax li l-imsemi Spettur tah xi ordni lill-imputat, u dan fiz-zewg istanzi li l-imputat ikkonfronta lill-Ispettur. Kemm l-Ispettur kif ukoll il-pulizija l-ohra, qalu li huma marru biex jikkalmaw is-sitwazzjoni hadd minnhom ma qal li lill-imputat ordnawlu jaghmel jew ma jghamilx xi haga u li hu injora din l-ordni. Konsegwentement il-hames imputazzjoni ma tirrizultax.

Illi min-naha l-ohra m'hemm l-ebda dubbju li permezz ta'l-agir tieghu l-imputat, flimkien ma' diversi persuni ohra, kiser il-kwiet u l-paci pubblika b'mod li is-sitt imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Illi permezz tas-sebgha, it-tmien u d-disgha imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reati ravvizati f'l-artikoli 68(1), 69 u 70 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe talli xewwex gemgha ta' nies.

Illi ghalkemm m'hemmx dubbju li l-persuni li kienu qed jipprotestaw, jaghmlu atti vandali f'l-istadium u jitqabdu mal-pulizija kienu aktar minn ghaxra, u li permezz ta' dawn l-atti kienu qed jiksru l-Ligi u jaghmlu reati, min-naha l-ohra m'hemm xejn fil-provi prodotti li jindika li kien propju l-imputat li xewwex lil dawn in-nies biex jingabru f'gemgha u jiksru l-Ligi. Ghalhekk l-imputazzjonijiet issa in ezami ma jirrizultawx.

Illi permezz ta'l-ghaxar imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ravvizat fir-Regolament 7 ta'l-Avviz Legali 88 tas-sena 1978. Dan ir-regolament jipprovdi hekk:

*Kull persuna, li filwaqt li tkun diehla fi ground ta' l-isports, fil-waqt li tkun qieghda hemmhekk jew tkun hierga minn*

*hemm tuza kliem offensiv jew iggib ruhha abbuzivament tkun hatja ta' reat …*

Illi gie ampjament pruvat li l-agir ta'l-imputat waqt li kien qieghed l-istadium, partikolarment meta agredixxa lill-Ispettur Vella, kien abbuziv ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta ukoll.

Illi l-ahhar imputazzjoni mihjuba kontra l-imputat hija dik dwar hsara volontarja ai termini ta'l-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-provi jirrizulta li l-imputat gibed lill-Ispettur mill-qmis u li din fil-fatt iccartet. Ghalhekk l-imputazzjoni issa in ezami tirrizulta pero tenut kont li l-valur tal-qmis huwa ta' €4.19 qed tistab htija fit-termini ta'l-artikolu 325(1)(d).

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi li wasslu ghall-incident se quo, in-natura tal-griehi sofferti mill-Ispettur Vella kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputat. Il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz piena karcerarja effettiva mhiex wahda idonea pero ser tiehu mizuri li jolqtu lill-imputat b'mod li jkun jista' jirealizza li l-agir tieghu huwa zbaljat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-raba' il-hames, is-sebgha it-tmien u d-disgha imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 95, 96, 221, 222(1)(c), 338(dd), u 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 7 ta'l-Avviz Legali 88 tas-sena 1978, issibu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmien xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tmintax il-xahar, in oltre u b'applikazzjoni tar-Regolament 9(2) ta'l-Avviz Legali 88 tas-sena 1978 qed tibrojbixxi lill-imputat milli jattendi f'kwalunkwe *ground* ta' l-isports ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------